Ħelsinki, it-12 ta' Frar 2013
Dok: **MB/21/2012/D finali**

**DEĊIŻJONI LI TEMENDA D-DEĊIŻJONI MB/D/29/2010
DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI TAS-SERVIZZI
BI ĦLAS**

**(Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija)**

**DEĊIŻJONI LI TEMENDA D-DEĊIŻJONI MB/29/2010/D**

IL-BORD TAT-TMEXXIJA TAL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 74(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008 tas-16 ta' April 2008 dwar il-ħlasijiet u l-ispejjeż dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), u b'mod partikolari l-Premessa 11 u l-Artikoli 11 u 13 tiegħu,

Billi

1. Il-Bord tat-Tmexxija tal-ECHA adotta d-deċiżjoni MB/D/29/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar il-klassifikazzjoni li għaliha jintalbu ħlasijiet, li, b'mod partikolari, tistabbilixxi l-iskala ta' ħlasijiet amministrattivi fl-Artikolu 4 tagħha u t-Tabella 1 tal-Anness għal din id-deċiżjoni;
2. Il-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa jikkorreġu tajjeb dikjarazzjonijiet żbaljati dwar il-kategorija ta' daqs tagħhom sabiex jonqos l-ammont ta' xogħol fuq l-Aġenzija. Għalhekk kumpaniji li jikkorreġu tajjeb id-daqs tal-kumpanija tagħhom mingħajr dewmien wara li jkunu ġew ikkuntattjati mill-ECHA għandhom, taħt ċerti kundizzjonijiet jingħataw tnaqqis ta' 50 fil-mija mill-ħlas amministrattiv.

Wara opinjoni favorevoli mill-Kummissjoni fl-4 ta' Frar 2013,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija MB/D/29/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar il-klassifikazzjoni ta' servizzi bi ħlas hija emendata kif ġej:

- Is-sentenzi li ġejjin jiżdiedu mas-sentenza fil-Premessa 5:

> "Il-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa jikkoreġu tajjeb dikjarazzjonijiet żbaljati dwar il-kategorija ta' daqs tagħhom sabiex jonqos l-ammont ta' xogħol fuq l-Aġenzija. Għalhekk kumpaniji li jikkorreġu tajjeb id-daqs tal-kumpanija tagħhom sa skadenza fissa wara li jkunu ġew ikkuntattjati mill-ECHA għandhom, taħt ċerti kundizzjonijiet jingħataw tnaqqis ta' 50 fil-mija mill-ħlas amministrattiv."

- Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied wara t-tielet paragrafu fl-Artikolu 4:

4. Għal kumpaniji li ddikjaraw b'mod żbaljat il-kategorija ta' daqs tagħhom, il-ħlas amministrattiv għandu jitnaqqas b'50% taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) il-kumpanija kkonċernata tikkomunika l-kategorija tad-daqs korrett applikabbli għall-Aġenzija sa skadenza fissa biex turi l-intitolament għat-tnaqqis tal-ħlas; u
b) meta l-kumpanija kkonċernata tibqa' tgħid li hija intitolata għal tnaqqis ta' ħlas għal SMEs, tipprovdi lill-ECHA sal-iskadenza bid-dokumentazzjoni rilevanti li tippermetti lill-ECHA tikkonferma l-kategorija ta' SME mitluba.

- l-iskala ta' ħlasijiet li hemm fl-ewwel tabella tal-anness tad-Deċiżjoni hija rriveduta kif ġej:

*Skala ta' ħlasijiet*

*Tabella 1*

**Ħlasijiet amministrattivi msemmijin fl-Artikolu 2**

| Daqs tal-kumpanija | **Ħlas amministrattiv (EUR)** |
|---|---|
| Kbira (mhux SME) | 19,900 |
| Medja | 13,900 |
| Żgħira | 7,960 |

*Artikolu 2*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

*Pubblikazzjoni*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Aġenzija.

Magħmula f'Ħelsinki, it-12 ta' Frar 2013

Għall-Bord tat-Tmexxija

Il-President

*iffirmat*

Nina CROMNIER